**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum it-Tlieta, erbgħa (4) ta' Frar 2025

Kawża Nru 75/2024

**Il-Pulizija**
***(Spettur Josef Gauci)***

vs

**Emanuel Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **<u>Emanuel Camilleri</u>**, iben Francis u Rita nee Buttigieg, imwieled nhar is-sbatax (17) ta' Ottubru 1950 u residenti numru disgħa u ħamsin (59), Triq l-Isptar San Ġiljan, Fontana, Għawdex detentur tal-karta tal-identita numru 79350(G) talli nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Ottubru 2023 għall-ħabta tal-

ħdax neqsin kwart ta' filgħodu (10:45hrs) waqt li kien fiz-zona tal-Bus Terminus limiti ta' Triq Taħt Putirja, Victoria:

1. tefa' jew xort'oħra qattar jew ddepożita xi żibel f'post pubbliku;[1]

2. fil-pubbliku qal kliem oxxen jew indicenti;[2]

3. verbalment inġurja lill-iSpettur Gabria Gatt persuna nkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku waqt li kienet qed tagħmel jew minħabba li għamlet dan is-servizz bil-ħsieb li jbeżżagħha jew li jinfluwixxi fuqha kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz;[3]

4. irrifjuta li jagħti lill-Ispettur Gabria Gatt ismu, kunjomu u fejn joqgħod u l-partikularitajiet l-oħra waqt il-qadi ta dmirijietha;[4]

5. aktar talli volontarjament għamel ħsara u għarraq ħwejjeġ ħaddieħor għad-dannu tal-Ispettur Gabria Gatt fl-ammont li ma jiskorrix it-tlieta u għoxrin ewro u disgħa u għoxrin ċentezmu (€ 23.29);[5]

6. aktar talli għamel resistenza bi vjolenza jew b'ħebb li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra PC 76 Joseph Cini u PC 1151 Carm Gatt, persuni nkarigati

---

[1] Regolament 4 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.40.
[2] Artikolu 338(bb) tal-Kap. 9.
[3] Artikolu 95(1) tal-Kap. 9.
[4] Artikolu 338(g) tal-Kap. 9.
[5] Aritkolu 325(d) tal-Kap. 9.

skond il-liġi minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jagħmlu jew minħabba li għamlu dan is-servizz bil-ħsieb li jbezzagħhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz;[6]

7. u aktar talli ma obdiex l-ordnijet tal-Ispettur Gabria Gatt, PC 76 Cini u PC 1151 Gatt, persuni nkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku waqt l-esekuzzjoni ta' dan is-servizz;[7]

8. u aktar talli fl-istess ġurnata fil-ħinijiet ta' wara fl-Għassa tar-Rabat, Għawdex verbalment inġurja lis-Supretendent Joseph Hersey, Spettur Gabria Gatt, PS 1040 John Grima, PC 76 Joseph Cini u PC 1151 Carm Gatt, persuni nkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jagħmlu jew minħabba li għamlu dan is-servizz bil-ħsieb li jbeżżagħhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz.[8]

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba li f'każ ta' ħtija tapplika l-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment;

Semgħet ix-xhieda prodotti;

---

[6] Artikolu 96 tal-Kap. 9.
[7] Artikolu 338(ee) tal-Kap. 9.
[8] Artikolu 95(1) tal-Kap. 9.

Semgħet lill-akkużat jixhed minn jeddu u b'mod volontarju;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti tal-każ huma s-segwenti: nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Ottubru 2023 għall-ħabta tal-għaxra u kwart ta' filgħodu (10:15hrs), il-Pulizija kienu qegħdin jagħmlu spezzjoni fl-inħawi tal-Bus Terminus fi Triq Taħt Putirjal, ir-Rabat, Għawdex b'rabta ma' traffikar ta' droga u anke biex jaraw jekk kienx hemm persuni li kienu qegħdin jixorbu l-alkoħol fil-pubbliku kontra l-bye law tal-Kunsill tar-Rabat. Għal xi l-għaxra neqsin kwart ta' filgħodu (10:45hrs), l-Ispettur Gabria Gatt innutat raġel qed jitfa' xi ħaġa fl-art. Hija marret fejnu u ordnatlu biex dak li kien tefa' fl-art jiġbru. Dan ir-raġel beda jinsisti li dak li kien tefa' ma kienx tiegħu u beda joffendi lill-Ispettur Gatt u jgħidilha biex ma tindaħalx. Ir-raġel xejjer idejh u waqqa' n-nuċċali tal-Ispettur fl-art. Xi Pulizija oħra li kienu fil-qrib intervjenew biex jikkalmaw is-sitwazzjoni iżda dan ir-raġel aktar spiċċa jirreżisti u assolutament ma riedx jikkoopera mal-Pulizija. Għalhekk huwa ġie immanettajt u ittieħed lejn l-Għassa tar-Rabat, Għawdex.

Fl-għassa, ir-raġel kompla jirrifjuta li jagħti d-dettalji tiegħu kif wkoll kompla joffendi lill-uffiċjali tal-Pulizija. Sa fl-aħħar wara li ġie mitkellem minn PS 1040 u inħallulu l-manetti ir-raġel stqarr li huwa kien jismu Leli Camilleri u li kien jirrisjedi f'numru 59, Triq l-Isptar San Ġiljan, il-Fontana. Ta wkoll in-numru tal-karta tal-identita tiegħu lill-Pulizija. Huwa kien ilmenta li l-manetti kienu qegħdin iweġġgħuh. Minkejja li

offrewlu biex iwassluh l-Isptar jew fiċ-Ċentru tas-Saħħa, huwa irrifjuta. Huwa ġie infurmat li kienu sejrin jittieħdu passi kriminali fil-konfront tiegħu dwar dan il-każ;

Ikkunsidrat;

- **<u>L-Ewwel Akkuża – Regolament 4 tal-L.S. 549.40</u>**

Mix-xhieda prodotti, partikolarment ix-xhieda tal-Ispettur Gabria Gatt, huwa ċar li l-inċident beda waqt li l-akkużat kien qed jiġbor il-fliexken u l-laned mill-art. Dan sabiex kif xehed hu imbagħad mill-flus li jaqla' wara li jiddeposita l-istess fil-magni jkun jista' jixtri l-ikel għall-qtates. Landa minnhom li kien ġabar kien fiha tazza u dan battal il-likwidu tal-landa fil-ġnien u reġa' rama t-tazza fl-art. It-tazza għalhekk kienet ġia fl-art u ma kienx l-akkużat li oriġinarjament tefagħha fl-art. Kienet ġia mal-art fil-landa u l-akkużat sempliċiment ħariġha mil-landa fejn kienet u reġa tefagħha fl-istess post. Li kieku l-akkużat tefa' hu stess t-tazza fl-art, kien ikun hemm ir-reat ravviżat f'dan l-artikolu. Iżda la darba mill-provi ħareġ ċar li l-akkużat ma kienx tefa' t-tazza hu u dan sempliċiment ħallieha fejn kienet – minkejja li għal xi ħin huwa messha b'idejh – ma jistax jitqies li l-akkużat tefa' jew xorta' oħra qattar jew iddeposita xi żibel. Lanqas ma jista' jkun hemm ħtija fir-rigward tal-fatt li l-akkużat iddispona mil-likwidu tal-kontenitur li ġabar. Dan għaliex kif sewwasew spjegat l-Ispettur Gatt, l-akkużat tefa' dan il-likwidu fil-ħamrija tal-ġnien. L-istess bħat-tazza, l-akkużat ma kienx il-persuna li effettivament rema' l-kontenitur bil-likwidu. Għalhekk din l-ewwel akkuża, il-Qorti ma temminx li tista' tirriżulta.

- **<u>It-Tieni Akkuża – Artikolu 338(bb) tal-Kap. 9</u>**

Din it-tieni akkuża ġiet ammessa mill-istess akkużat waqt li huwa kien qed jagħti x-xhieda tiegħu. Infatti l-istess akkużat jammetti li waqt li kien qed jiġi arrestat huwa qal kliem oxxen.[9] Dan isib konferma wkoll fix-xhieda li taw l-istess Pulizija u li kienu fil-post dakinhar li seħħ l-inċident.

- **<u>It-Tielet Akkuża – Artikolu 95</u>**

L-Artikolu 95 tal-Kap. 9 jistabilixxi li:

> *"Kull min, f'kull każ ieħor mhux imsemmi fl-aħħar żewġ artikoli qabel dan, jinġurja, jew ihedded, jew jagħmel offiża fuq il-persuna ta' wieħed inkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li jkun jagħmel jew minħabba li jkun għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena stabbilita għall-inġurja, għat-theddid jew għall-offiża, meta jsiru mingħajr iċ-ċirkostanzi msemmijin f'dan l-artikolu, miżjuda b'żewġ gradi u għal multa ta' mhux inqas minn tmien mitt euro (€ 800) u mhux iżjed minn ħamest elef euro (€5,000)."*

---

[9] Fol.26 tal-proċess.

Għall-fini ta' sejbien ta' ħtija fit-termini ta' dan l-artikolu, irid jiġi pruvat li l-akkużat għamel xi waħda mit-tlett azzjonijiet identifikati fl-istess artikolu u ċioe li jew jkun insulta, jew hedded jew jkun ikkaġuna offiża fuq il-persuna inkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku. Jekk il-Prosekuzzjoni jirnexxielha tipprova xi waħda minn dawn l-azzjonijiet, allura dan jkun suffiċjenti għal sejbien ta' ħtija taħt dan l-artikolu, dejjem jekk jkun hemm l-element intenzjonali rikjest.

Il-Professur Mamo huwa u jikkummenta fuq l-artikolu 93 tal-Kodiċi Kriminali (liema kummentarju huwa japplikah wkoll għall-artikolu 95) jistqarr li kwalsiasi insult jew theddida hija suffiċjenti biex tikkostitwixxi l-*actus reus* ta' dan ir-reat. Huwa essenzjali wkoll li l-insulti, it-theddid jew l-offiżi jkunu diretti kontra uffiċjal pubbliku waqt li dan jkun qed jaqdi d-dmirijiet tiegħu.

Issir riferenza għas-sentenza fl-ismijiet ***<u>Il-Pulizija (Spettur Kevin J. Farrugia) vs Renald Briffa</u>*** fejn b'riferenza għall-artikolu 95, il-Qorti spjegat:

> *"Illi l-vittma ta' dana ir-reat jista' ikun biss l-uffiċjal pubbliku u l-inġurja jew it-theddida trid issir jew (1) filwaqt illi ikun qed jagħmel servizz pubbliku (2) jew inkella minħabba li ikun għamel dana is-servizz pubbliku, (3) jew bil-ħsieb li ibeżżgħu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.*

*Meta l-oltraġġ isir fil-mument illi l-uffiċjal pubbliku ikun qiegħed jagħti is-servizz ma huwiex neċessarju illi l-inġurja jew it-theddida tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa ikun qiegħed jeżerċita.*

*L-awturi Cheveau et Helie, li isemmi il-Professur Mamo fin-notamenti tiegħu, igħidu:*

*"Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il motivo che lo determina e' indifferente; la legge vede soltando il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre."*

*Kuntrarjament fiż-żewġ istanzi l-oħra irid ikun jiġi ippruvat nexus bejn l-oltraġġ u il-qadi tal-funzjoni pubblika.."*

Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-17 ta' Ottubru 1997, fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Amante Camilleri*** ingħad wkoll:

*"Kif ġie ritenut mill-Qorti Kriminali … fis-sentenza fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs Emmanuele Cassar****, deċiża fit-12 ta' Diċembru, 1936 (Kollez. Deciz. Vol. XXIX.IV.593), biex ikun hemm id-*

> *delitt ta' oltraġġ ... hemm bżonn li l-kliem (jew ġesti, kitba, disinji, ecc.) jkunu fil-fatt inġurjużi, kif ukoll hemm bżonn l-element formali li jikkonsisti fl-intenzjoni li wieħed joffendi uffiċjal pubbliku. Hemm każijiet li fihom l-element morali (formali), cjoe` dana l-animus injuriandi, jiġi preżunt, u dana jsir meta l-kliem ikunu per se inġurjużi u tali li wieħed għandu raġonevolment jirritjeni, fl-assenza ta' prova in kuntrarju, li ntqalu bil-ħsieb li l-persuna li għaliha dawk il-kliem kienu diretti tkun inġurjata, cjoe` bil-ħsieb li jintilef jew jitnaqqas il-ġieh ta' dik il-persuna."*

Mill-provi prodotti l-elementi ta' dan ir-reat jirriżultaw bl-aktar mod ċar u ampju. Fil-mument li l-Ispettur Gatt tat l-ordni lill-akkużat biex jiġbor it-tazza, l-akkużat żgur li kien konxju li hija kienet qed taġixxi fil-vesti tagħha ta' uffiċjal tal-korp tal-Pulizija għaliex kienet liebsa l-uniformi tal-korp. Għalkemm forsi l-ordni mogħtija ma kinitx flokha peress li t-tazza ma kinitx ġiet mitfugħa fl-art mill-istess akkużat, dan bl-ebda mod ma kien jintitola lill-istess akkużat li jkellem ħażin lill-istess Spettur kif wkoll li jxejjer idejh u jtajrilha n-nuċċali minn wiċċha. Jekk l-akkużat ma qabilx mal-ordni mogħtija kellu modi legali kif jikkontesta tali ordni; iżda żgur li ma kienx awtorizzat li juża kliem dispreġjattiv u inġurjuż fil-konfront tal-Ispettur Gatt, kliem li ġie konfermat anke minn PS 1040 John Grima li kien fil-viċinanzi tal-istess Spettur.[10] Din l-akkuża għalhekk tirriżulta.

---

[10] Ara affidavit ta' PS 1040 John Grima a fol. 4 tal-proċess.

- **Ir-Raba' (4) Akkuża – Artikolu 338(g)**

Mill-provi prodotti din l-akkuża wkoll ġiet pruvata. L-akkużat persistentement irrifjuta li jagħti d-dettalji tiegħu u infatti kien dan il-fatt li wassal sabiex l-akkużat ġie arrestat u tniżżel l-Għassa tal-Pulizija. Kien biss waqt li kien fl-Għassa tal-Pulizija li l-akkużat sa fl-aħħar ta d-dettalji tiegħu lill-Pulizija u minn hemm imbagħad ġie rilaxxat.

- **Il-Ħames (5) Akkuża – Artikolu 328(d) tal-Kap. 9**

Għalkemm fix-xhieda tagħha l-Ispettur Gabria Gatt tgħid li l-akkużat tajrilha n-nuċċali minn wiċċha u li dan inkiser, in-nuċċali l-miksur ma ġiex esebit f'dawn il-proċeduri. Lanqas ma ġew preżentati ritratti tal-istess nuċċali miksur. Apparti minn hekk ma ġiet preżentata l-ebda prova dwar il-valur tal-ħsarat li ġew arrekati. Fiċ-ċirkustanzi għalhekk din il-Qorti ma tqisx li fir-rigward ta' din l-akkuża, il-Prosekuzzjoni ippreżentat l-aħjar prova u għalhekk sejra tillibera lill-akkużat minn din l-akkuża.

- **Is-Sitt Akkuża – Artikolu 96 tal-Kap. 9**

L-artikolu 96 jattribwixxi ħtija għal:

> *"Kull min jattakka jew jagħmel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra*

*persuna inkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li tkun taġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skont il-liġi mill-awtorità kompetenti, jeħel, meta jinsab ħati."*

Għalkemm sia l-artikolu 95 u sia l-artikolu 96 jirreferu għall-offiżi li jsiru fil-konfront ta' uffiċjali pubblici, dawn iż-żewġ reati huma distinti minn xulxin. Kull wieħed minnhom għandu elementi speċifiċi li japplikaw għal dak ir-reat partikolari u li jridu jiġu pruvati sabiex il-Qorti tkun tista' tasal għall-sejbien ta' ħtija. Dan il-punt ġiet ribadit f'diversi sentenzi fosthom fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Anthony Grech***:

*"Il-Qrati tagħna f'diversi sentenzi spjegaw id-differenzi bejn dawn iż-żewġ reati. (ara The Police vs John Shayer et deciza fl-14 ta' Novembru 1959, Police vs Joseph Polidano – 7 ta' Frar 1966 Il-Pulizija vs Carmelo Zammit – 23 November 1959 fost oħrajn) "The difference to the two crimes envisaged under Sections 94 and 95 of the Criminal Code (illum 95 u 96) does not lie in the nature of the act, nor in the seriousness of the consequences, much less in the personal qualities of the injured person, but only in the character of the duties the injured person is performing at the time of the offence. Indeed Section 94 (illum 95) states "while in the act of discharging his duty or because of his having discharged such duty, or with intent to intimidate or unduly influence him in the discharge of such*

*duty,' whilst section 95 (illum 96) requires that the offence is committed when in the execution of the law or of a lawful order issued by a competent authority." (Police vs A.B. Michael Locking deciza 3 ta' Ottubru 1966).*

*Illi għalhekk filwaqt illi ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 95 huwa reat ta' oltraġġ lil uffiċjal pubbliku waqt il-qadi tas-servizz pubbliku tiegħu jew minħabba li ikun qiegħed jaqdi tali servizz, l-artikolu 96 jipotizza r-reat ta' attakk jew resistenza kontra persuna inkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku filwaqt li dik il-persuna tkun qed taġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi, jew ta' xi ordni mogħti skond il-liġi minn xi awtorita kompetenti. Illi din l-espressjoni hi differenti minn dik użata fl-artikolu 95(1) – waqt li jkun jagħmel jew minħabba li jkun għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dana is-servizz. (ara sentenza Il-Pulizija vs Joseph Zahra Appell Kriminali – 9 Settembru 2002)"*[11]

Issir riferenza wkoll għall-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija (Spettur Kevin J. Farrugia) vs Renald Briffa***[12] fejn b'riferenza għall-artikolu 96, il-Qorti kienet irrimarkat:

---

[11] Deċiża fis-sebgħa (7) ta' April 2009 mill-Qorti tal-Maġistrati preseduta mill-Maġistrat illum Imħallef Dr Edwina Grima.

[12] Deċiża fis-27 ta' Frar 2013.

*"Illi l-artikolu 96, imbagħad, għalkemm ukoll għandu bħala vittma, l-uffiċjal pubbliku, jikkontempla tlett elementi essenzjali għal kostituzzjoni ta' dana ir-reat:*

*1. Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew resistenza. Illi ikun hemm biss disubbidjenza tal-liġi jew ta' ordni mogħtija minn xi awtorita' għalhekk mhux suffiċjenti għal kummissjoni ta' dana ir-reat. Il-Mamo ikompli igħid:*

*"It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith."*

*Fin-nuqqas ta' dana jista' jissussiti biss ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 95 biss.*

*Inoltre l-attakk jew resistenza trid tkun neċessarjament akkompjanta bl-użu tal-forza, vjolenza jew bil-ħebb.*

*Għalhekk insulti jew theddid qatt ma jistgħu iwasslu għal ħtija taħt dina id-disposizzjoni tal-liġi.*

*2. Fit-tieni lok ir-reat irrid jiġi komess fil-konfront ta' uffiċjal pubbliku jew kif tgħid testwalment il-liġi "persuna inkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku". Illi l-Qorti tagħmel referenza għal dak sottolinjat iktar 'il fuq u ċioe' illi huwa neċessarju illi għalkemm tali persuna mhux neċessarjament għandha tkun libsa uniformi jew xi marka jew sinjal li turi il-kapaċita li fiha qed taġixxi, madanakollu ix-xjenza tal-persuna li qed tikkometti dana ir-reat illi l-vittma hija uffiċjal pubbliku hija neċessarja. Altrimenti il-mens rea għal kummissjoni ta' dana ir-reat ikun nieqes.*

*3. Fl-aħħarnett huwa neċessarju illi l-attakk jew resistenza kontra l-uffiċjal pubbliku irid isir, filwaqt illi huwa ikun qiegħed jaġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħtija skond il-liġi minn awtorita' kompetenti. Il-Mamo ikompli igħid: "Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime."*

Minn eżami tal-fattispeċie tal-każ din il-Qorti ma tqisx li jeżistu l-elementi rikjesti għall-fini ta' sejbien ta' ħtija taħt dan l-artikolu. Definittivament kien hemm

diżubbidjenza pjuttost voċifera da parti tal-akkużat għall-ordnijiet mogħtija lilu mill-Pulizija kif wkoll x'ħin ġie infurmat li kien qiegħed jiġi arrestat. Għalkemm il-Pulizija jgħidu li kien hemm resistenza da parti tal-akkużat biex huwa jiġi arrestat, il-Pulizija ma jispeċifikawx kif l-akkużat kien qiegħed jirresisti tali arrest u x'forma ta' ostakoli huwa għamel biex jimpedixxi l-arrest tiegħu. Anzi jidher li huwa ġie immanettjat mingħajr diffikulta ta' xejn. Li hu żgur hu li l-akkużat kien qed joffendi lill-Pulizija bi kliem pjuttost ikkulurit għaliex ingħata struzzjonijiet biex jagħti d-dettalji tiegħu u irrifjuta u l-Pulizija kienu ipproċedew bl-arrest tiegħu. Dan joħroġ minn dak li xehed PC 76 Joseph Cini. Cini fl-affidavit tiegħu jistqarr:

> *"F'ħin minnhom smajt għajjat ġew minn warajja u meta dort innutajt lil Insp Gatt tiġi aggredita minn persuna maskili għalhekk mort nassisti immedjatament, waqt li kien qed nipprova inżomm dan il-persuna żied l-għajjat u beda jgħid 'jien ala zobbi u halluni bi kwieti miniex ġew magħkom.' L-istess persuna ġie infurmat illi huwa kien taħt arrest u li kien ser jittieħed ġewwa l-Għassa fejn baqa' jirreżisti l-arrest. Hemmhekk ġie immanettjat u ittieħed l-Għassa tar-Rabat."*[13]

Fuq l-istess linji xehed PC 1151 Carm Gatt: *"Jiena u PC 76 bdejna nippruvaw nikkalmaw lil dan il-persuna maskili iżda dan beda jgħajjarna 'liba l-pulizija' u baqa' jirreżisti. Għalhekk ħriġt il-manetti u immanetjajtu."*[14]

---

[13] Fol. 14 tal-proċess.
[14] Fol. 8 tal-proċess.

Apparti minn hekk għalkemm ingħad li l-inċident kollu inqabad fuq il-bodycams tal-Pulizija, dawn il-filmati baqgħu ma ġewx esebiti mill-Pulizija fl-atti ta' dawn il-proċeduri. Li kieku dawn il-filmati ġew esebiti, żgur li setgħu jitfgħu dawl fuq l-atteġġjament tal-akkużat fil-mument li kien qed jiġi arrestat u jekk dan effettivament kienx jammonta għall-ostakolu għall-arrest tiegħu. Fin-nuqqas ta' tali prova u fid-dawl li ma jidhirx li kien hemm xi azzjonijiet speċifiċi da parti tal-akkużat li waslu sabiex il-Pulizija kellhom diffikulta biex jarrestaw lill-akkużat, din il-Qorti ma temminx li tista' issib ħtija fl-akkużat għal din l-akkuża.

- **<u>Is-Seba' Akkuża – Artikolu 338(ee)</u>**

Din l-akkuża tirriżulta fuq żewġ binarji: kemm għaliex l-akkużat irrifjuta li jagħti d-dettalji tiegħu meta ġie mitlub mill-Pulizija kif wkoll għaliex huwa beda jirrifjuta li jikkoopera mal-Pulizija biex imur l-Għassa tal-Pulizija tar-Rabat, Għawdex wara li kien ingħata ordni f'dan is-sens. Huwa baqa' jirresisti din l-ordni, tant li l-Pulizija kienu kostretti li jimmanettjawh biex jkunu jistgħu jeħduh l-Għassa tal-Pulizija.

- **<u>It-Tmien Akkuża – Artikolu 95 tal-Kap. 9</u>**

Din it-tmien akkuża wkoll tirriżulta ippruvata. Mill-affidavit ta' PC 76 Joseph Cini, jirriżulta kif anke waqt li kien fl-Għassa tal-Pulizija, l-akkużat baqa' jgħajjat u jgħajjar lill-Pulizija li huma "liba". Huwa ċar għall-Qorti li l-akkużat ikkommetta dan l-oltraġġ fil-konfront tal-uffiċjali tal-Pulizija għaliex huwa kien irrabbjat bil-fatt li dawn kienu arrestawh, immanettjawh u ħaduh l-Għassa għax huwa irrifjuta li jagħti d-dettalji

tiegħu lill-Pulizija. L-akkużat ippretenda li dan ma kellux isir. Għalkemm il-Qorti tifhem li l-akkużat seta' kellu oġġezzjoni għall-fatt kif beda dan l-inċident, dan assolutament ma kienx jintitolah li huwa jġib ruħu bil-mod kif ġab ruħu mal-uffiċjali tal-Pulizija. Jekk l-akkużat deherlu li l-Pulizija kienu abbużaw mill-posizzjoni tagħhom, kellu rimedji oħra disponibbli għalih. Żgur pero li ma kellu l-ebda dritt li joffendi lill-Pulizija bil-mod li ħareġ mill-atti. Għalhekk din l-akkuża wkoll tirriżulta ippruvata.

- **<u>Decide</u>**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi, il-Qorti:

(a) **<u>mhux qiegħda issib lill-akkużat ħati</u>** tal-ewwel (1), il-ħames (5) u s-sitt (6) akkuża u għalhekk qiegħda tilliberah minnhom;

(b) wara li rat l-artikolu 17, 95, 338(g), 338(bb) u 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta **<u>qiegħda issib lill-akkużat ħati tat-tieni (2), tat-tielet (3), tar-raba' (4), tas-seba' (7) u tat-tmien (8) akkuża</u>** miġjuba fil-konfront tiegħu u qiegħda tikkundannaha għall-ħlas ta' multa komplessiva ta' **<u>elf u mitejn ewro (€ 1,200).</u>**

Finalment il-Qorti wara li rat l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex tipprovdi għas-sigurta tal-Ispettur Gabria Gatt, PC 76 Joseph Cini, PC 1151 Carm Gatt, PS 1040 John Grima u s-Supretendent Joseph Hersey kif ukoll sabiex jinżamm

il-bon ordni pubbliku qiegħda torbot lill-ħati taħt obbligazzjoni tiegħu innifsu għal perjodu ta' sena u dan taħt penali ta' elf ewro (€ 1,000).

**Dr. Jean Paul Grech**

**Maġistrat**

**Joseph Grech**

**Deputat Registratur**